**Il-Malta Gaming Authority tipparteċipa f'SiGMA 2017 iGaming Summit**

Il-Malta Gaming Authority ipparteċipat fit-'2017 Summit of iGaming Malta' (SiGMA) li sar fiċ-Ċentru tal-Fieri u Konvenzjonijiet ġewwa Ta' Qali, f'Malta. SiGMA huwa avveniment annwali li jlaqqa' partijiet interessati, operaturi u regolaturi mill-industrija tal-logħob f'post wieħed u jipprovdi ambjent ideali ta' netwerking għal parteċipanti kollha tiegħu. Din is-sena, l-avveniment seħħ bejn it-22 u l- 25 ta' Novembru 2017.

Iċ-Chairman Eżekuttiv tal-MGA Joseph Cuschieri fetaħ l-eSummit Regolatorju tal-KPMG billi saħaq li: "L-industrija tal-logħob qed tidħol f'era ġdida u f'kuntest ta' ambjent regolatorju aktar diffiċli partikolarment fl-Ewropa li ser ikun dominat mill-leġiżlazzjoni tal-ġenerazzjoni li jmiss (li se tidħol fis-seħħ fl-ewwel kwart tal-2018), mill-innovazzjoni u minn teknoloġiji ta' xkiel. Dan iżid aktar piż ta' responsabbilita' fuq l-MGA sabiex din tkun proattiva u aġili quddiem l-isfidi li qed taffaċja l-industirja. F'dan il-kuntest, il-bżonn li ninvestu aktar fil-ġestjoni tal-għarfien, fir-riżorsi umani u fit-teknoloġija joħroġ aktar ċar." Huwa ħa sehem ukoll fuq panel f'sessjoni bl-isem 'Bits, bytes and withholding taxes - Why ecommerce should keep an eye on the OECD and EU's proposals' fejn qal li: "Jekk wieħed jipprova jintaxxa l-ekonomija diġitali b'mod mhux proporzjonat u lanqas ġust ikun qiegħed iwassal għal riskju li l-inovazzjoni ma tkunx inkoraġġuta waqt li jkun qiegħed ukoll ibiegħed l-investiment mill-Ewropa."

L-MGA kienet ukoll irrappreżentata mid-'Deputy General Counsels' tagħha; Michele Magro u Carl Brincat. Waqt konferenza tal-'Fantasy Sports' bl-isem: 'A World of Regulatory Challenges in Collaboration with IMGL' Michele Magro qal li: "Il-leġiżlatur Malti nieda liġi li tagħti poter lill-MGA biex din tkun tista' tiggverna s-settur diġitali tal-logħob ta' ħila abbażi tar-riskju li logħoba partikolari tkun timponi fuq il-klijenti. Jeżisti wkoll reġim ta' liċenzjar għal logħob li jkunu meqjusa mir-regolatur bħala denji ta' aktar kontrol u superviżjoni, logħob bħal ma huwa 'Fantasy Sports'." L-għada, Carl Brincat ħa sehem f'konferenza ta' 'Blockchain u Disruptive Tech' bl-isem: 'Regulating a decentralised currency: pitfalls to avoid, opportunities to embrace' fejn huwa qal li: "L-approċċ tagħna lejn cryptocurrencies u DLT juri li aħna nħaddnu l-innovazzjoni filwaqt li napplikaw ukoll approċċ abbażi tar-riskju sabiex niżguraw li jkunu mħarsa l-objettivi regolatorji tagħna."

L-edizzjoni 2017 tas-SiGMA iGaming Summit ikkonsistiet f'aktar minn 7000 parteċipant u aktar minn 100 eżibitur li gawdew minn opportunita' mill-aqwa għal netwerking u għal skambju ta' ideat.